



2016/0351(COD)

25.4.2017

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea
(COM(2016)0721 – C8-0456/2016 – 2016/0351(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Salvatore Cicu

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

| | |
|--|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA..... | 14 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea
(COM(2016)0721 – C8-0456/2016 – 2016/0351(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0721),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0456/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' Marzu 2017¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0000/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1.

**Proposta għal regolament
Premessa 3**

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

3. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fi proċedimenti tal-passat, huwa xieraq li jiġu ċċarati ċ-ċirkostanzi li fihom id-distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw b'mod konsiderevoli l-forzi tas-suq ħieles jistgħu jitqiesu li jeżistu. B'mod partikolari, huwa xieraq li jiġi ċċarat li din is-sitwazzjoni tista' titqies li teżisti, inter alia, meta preżżijiet jew spejjeż irrappurtati, inklużi l-ispejjeż ta' materji primi, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax huma affettwati minn intervent tal-gvern. Huwa wkoll xieraq li jiġi ċċarat li meta jitqies jekk tali sitwazzjoni teżistix jew le fir-rigward ta', inter alia, l-impatt potenzjali tas-segwent: is-suq inkwistjoni huwa sa punt sinifikanti servut minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni ta' politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur; il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-preżżijiet jew kostijiet; politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw a favur ta' fornituri domestiċi jew forzi tas-suq ħieles li jinfluwenzaw mod ieħor; u l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubblika. Huwa wkoll xieraq li jintqal li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu joħorġu rapport li jiddeskrivi sitwazzjoni speċifika dwar dawn il-kriterji f'ċertu pajjiż jew ċertu settur; tali rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat jistgħu jitqiegħdu fuq il-fajl ta' kull investigazzjoni relatata ma' dak il-pajjiż jew settur; u li l-partijiet interessati jinħtieġ li jkollhom biżżejjed opportunità biex jikkumentaw fuq ir-rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat f'kull investigazzjoni li fiha jintużaw tali rapport jew evidenza.

3. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fi proċedimenti tal-passat, huwa xieraq li jiġu ċċarati ċ-ċirkostanzi li fihom id-distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw b'mod konsiderevoli l-forzi tas-suq ħieles jistgħu jitqiesu li jeżistu. B'mod partikolari, huwa xieraq li jiġi ċċarat li din is-sitwazzjoni tista' titqies li teżisti, inter alia, meta preżżijiet jew spejjeż irrappurtati, inklużi l-ispejjeż ta' materji primi ***u fatturi oħra ta' produzzjoni***, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax huma affettwati minn intervent tal-gvern. Huwa wkoll xieraq li jiġi ċċarat li meta jitqies jekk tali sitwazzjoni teżistix jew le fir-rigward ta', inter alia, l-impatt potenzjali tas-segwent: is-suq inkwistjoni huwa sa punt sinifikanti servut minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni ta' politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur, ***għad-detriment tal-fatt u tal-liġi, ta' governanza korporattiva adegwata***; il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-preżżijiet jew kostijiet; politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw a favur ta' fornituri domestiċi jew forzi tas-suq ħieles li jinfluwenzaw mod ieħor; ***in-nuqqas ta' funzjonament trasparenti u effettiv tal-liġi tal-kumpaniji u reġim ta' falliment li jimpedixxi l-eżerċizzju tal-liġijiet tal-proprjetà; ir-rati tal-pagi mħumiex riżultat ta' negozjati ħielsa bejn il-ħaddiema u l-maniġment; in-nuqqas ta' sett trasparenti ta' liġijiet jipproduċi effetti diskriminatorji fir-rigward ta' impriżi konġunti u investment barrani ieħor*** u l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubblika u ***kull ċirkostanza oħra li l-Kummissjoni tqis xierqa sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti***.

L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija kollha kemm hi jew f'settur tal-ekonomija tal-pajjiż esportatur

għandha twassal awtomatikament għall-użu ta' preżżijiet, spejjeż jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni internazzjonali, ta' pajjiż terz jew tal-UE għal kull fattur ta' produzzjoni fil-kostruzzjoni tal-valur normali.

Madankollu, jekk produttur esportatur minn pajjiż li ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet juri b'mod ċar li l-ispejjeż tiegħu ta' fattur individwali wieħed jew iktar ta' produzzjoni mhumiex imxekkla, dawk l-ispejjeż għandhom jiġu użati fil-kostruzzjoni tal-valur normali tiegħu.

Huwa wkoll xieraq li jintqal li s-servizzi tal-Kummissjoni joħorġu rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni speċifika dwar dawn il-kriterji f'ċertu pajjiż jew ċertu settur; *għal dawk il-pajjiżi li għalihom ġew irreġistrati għadd sostanzjali ta' każijiet ta' antidumping, ir-rapport għandu jitlesta u jiġi adottat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-industrija tal-Unjoni għandha tiġi kkonsultata matul il-proċess ta' abbozzar tar-rapport.* Tali rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat jistgħu jitqiegħdu fuq il-fajl ta' kull investigazzjoni relatata ma' dak il-pajjiż jew settur; u li l-partijiet interessati jinħtieġ li jkollhom biżżejjed opportunità biex jikkumentaw fuq ir-rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat f'kull investigazzjoni li fiha jintużaw tali rapport jew evidenza. *F'konformità mar-rwol tiegħu, il-Parlament Ewropew għandu jimmonitorja l-proċess ta' abbozzar tar-rapport. Fuq talba tal-Parlament Ewropew jew fil-każ ta' bidla fiċ-ċirkustanzi f'pajjiż jew settur speċifiku, il-Kummissjoni għandha taġġorna r-rapport. F'kull każ, il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq rieżami tar-rapport kull sentejn.*

Or. en

Emenda 2.

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Huwa xieraq ukoll li jitfakkar li l-ispejjeż normalment jinħtieġ li jiġu kkalkulati fuq il-bażi tar-rekords miżmuma mill-esportatur jew produttur taħt investigazzjoni. Madankollu, fejn hemm distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiż esportatur bil-konsegwenza li l-ispejjeż riflessi fir-rekords tal-parti kkonċernata huma artifiċjalment baxxi, tali spejjeż ***jistgħu*** jiġu aġġustati jew stabbiliti fuq kull bażi raġonevoli, inkluża informazzjoni minn swieq rappreżentattivi oħrajn jew minn prezzijiet jew punti ta' riferiment internazzjonali. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fi proċedimenti tal-passat, huwa xieraq li jiġi ċċarat ukoll li, għall-għanijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-regolament, jinħtieġ li tiġi kkunsidrata kif dovut l-evidenza kollha rilevanti, inklużi r-rapporti ta' valutazzjoni rilevanti rigward iċ-ċirkostanzi prevalenti fuq is-suq domestiku tal-produtturi esportaturi u l-evidenza li fuqha huma bbażati, li tpoġġiet fuq il-fajl, u li fuqha l-partijiet interessati kellhom opportunità jikkumentaw.

Emenda

4. Huwa xieraq ukoll li jitfakkar li l-ispejjeż normalment jinħtieġ li jiġu kkalkulati fuq il-bażi tar-rekords miżmuma mill-esportatur jew produttur taħt investigazzjoni. Madankollu, fejn hemm distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiż esportatur bil-konsegwenza li l-ispejjeż riflessi fir-rekords tal-parti kkonċernata huma artifiċjalment baxxi, tali spejjeż ***jinħtieġ li*** jiġu aġġustati jew stabbiliti fuq kull bażi raġonevoli, inkluża informazzjoni minn swieq rappreżentattivi oħrajn jew minn prezzijiet jew punti ta' riferiment internazzjonali ***jew minn swieq fl-Unjoni***. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fi proċedimenti tal-passat, huwa xieraq li jiġi ċċarat ukoll li, għall-għanijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-regolament, jinħtieġ li tiġi kkunsidrata kif dovut l-evidenza kollha rilevanti, inklużi r-rapporti ta' valutazzjoni rilevanti rigward iċ-ċirkostanzi prevalenti fuq is-suq domestiku tal-produtturi esportaturi u l-evidenza li fuqha huma bbażati, li tpoġġiet fuq il-fajl, u li fuqha l-partijiet interessati kellhom opportunità jikkumentaw.

Or. en

Emenda 3.

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 2016/1036

Artikolu 2 - paragrafu 6a - punt a (ġdid)

6a. (a) Fil-każ li jiġi determinat, **meta tiġi applikata din id-dispożizzjoni jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra rilevanti ta' dan ir-Regolament**, li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, il-valur normali għandu jiġi maħdum fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni. Għal dan il-għan, is-sorsi li jistgħu jintużaw jinkludu prezzijiet, kostijiet, jew punti ta' riferiment internazzjonali mingħajr distorsjoni, jew kostijiet korrispondenti ta' produzzjoni u bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq **b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħall-pajjiż esportatur**, sakemm id-data tal-kost rilevanti tkun disponibbli. Il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti.

6a. (a) Fil-każ li jiġi determinat li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti **fl-ekonomija kollha kemm hi jew fis-setturi tagħha**, il-valur normali għandu jiġi maħdum fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni. Għal dan il-għan, is-sorsi li jistgħu jintużaw jinkludu prezzijiet, kostijiet, jew punti ta' riferiment internazzjonali mingħajr distorsjoni, jew kostijiet korrispondenti ta' produzzjoni u bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, **inklużi dawk fi Stat Membru**, sakemm id-data tal-kost rilevanti tkun disponibbli. Il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti.

Or. en

Emenda 4.

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 2016/1036

Artikolu 2 – paragrafu 6a– punt b (ġdid)

(b) Distorsjonijiet sinifikanti **għall-prodott ikkonċernat** skont il-punt (a) jistgħu jitqiesu li jeżistu, inter alia, meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax huma affettwati minn intervent tal-gvern. Meta jitqies jekk jeżistux jew le distorsjonijiet sinifikanti **rigward ta'**, inter alia, l-impatt potenzjali tas-segwenti: is-suq inkwistjoni huwa sa

(b) Distorsjonijiet sinifikanti skont il-punt (a) jistgħu jitqiesu li jeżistu, inter alia, meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi **u ta' fatturi tal-produzzjoni oħrajn**, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax huma affettwati minn intervent tal-gvern. Meta jitqies jekk jeżistux jew le distorsjonijiet sinifikanti **għandu jittieħed inkunsiderazzjoni**, inter alia, l-impatt potenzjali tas-segwenti: is-suq

punt sinifikanti servut minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni ta' politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur; il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet; politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw a favur ta' fornituri domestiċi jew forzi tas-suq ħieles li jinfluwenzaw mod ieħor; u l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubblika.

inkwistjoni huwa sa punt sinifikanti servut minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni ta' politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur, għad-detriment tal-fatt u tal-liġi, ta' governanza korporattiva adegwata; il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet; politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw a favur ta' fornituri domestiċi jew forzi tas-suq ħieles li jinfluwenzaw mod ieħor; ***in-nuqqas ta' funzjonament trasparenti u effettiv tal-liġi tal-kumpaniji u reġim ta' falliment li jimpedixxi l-eżerċizzju tal-liġijiet tal-proprjetà; ir-rati tal-pagi mhumiex riżultat ta' negozjati ħielsa bejn il-ħaddiema u l-maniġment; in-nuqqas ta' sett trasparenti ta' liġijiet jipproduċi effetti diskriminatorji fir-rigward ta' impriżi konġunti u investment barrani ieħor l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubblika u kull ċirkostanza oħra li l-Kummissjoni tqis xierqa sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti.***

L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija kollha kemm hi jew f'settur tal-ekonomija tal-pajjiż esportatur għandha twassal awtomatikament għall-użu ta' prezzijiet, spejjeż jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni internazzjonali, ta' pajjiż terz jew tal-UE għal kull fattur ta' produzzjoni fil-kostruzzjoni tal-valur normali.

Jekk produttur esportatur minn pajjiż li ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet juri b'mod ċar li l-ispejjeż tiegħu ta' fattur individwali wieħed jew iktar ta' produzzjoni mhumiex imxekkla, dawk l-ispejjeż għandhom jiġu użati fil-kostruzzjoni tal-valur normali tiegħu.

Or. en

Emenda 5.

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 2016/1036

Artikolu 2 – paragrafu 6a – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *Meta jkun xieraq*, is-servizzi tal-Kummissjoni **jistgħu** joħorġu rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni speċifika dwar il-kriterji elenkati fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew ċertu settur. Tali rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat jistgħu jitqiegħdu fuq il-fajl ta' kull investigazzjoni relatata ma' dak il-pajjiż jew settur. Il-partijiet interessati għandu jkollhom biżżejjed opportunità biex iżidu, jikkummentaw jew iwieġbu fuq ir-rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat f'kull investigazzjoni li fiha jintużaw tali rapport jew evidenza. Id-determinazzjonijiet magħmula għandhom iqisu l-evidenza rilevanti kollha fuq il-fajl.

Emenda

(c) Is-servizzi tal-Kummissjoni **għandhom** joħorġu rapport **dettaljat** li jiddeskrivi s-sitwazzjoni speċifika dwar il-kriterji elenkati fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew ċertu settur. **Għal dawk il-pajjiżi li għalihom infetħu għadd sostanzjali ta' każijiet ta' antidumping, ir-rapport għandu jitlesta u jiġi adottat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-industrija tal-Unjoni għandha tiġi kkonsultata matul il-proċess ta' abbozzar tar-rapport.** Tali rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat jistgħu jitqiegħdu fuq il-fajl ta' kull investigazzjoni relatata ma' dak il-pajjiż jew settur. Il-partijiet interessati għandu jkollhom biżżejjed opportunità biex iżidu, jikkummentaw jew iwieġbu fuq ir-rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat f'kull investigazzjoni li fiha jintużaw tali rapport jew evidenza. Id-determinazzjonijiet magħmula għandhom iqisu l-evidenza rilevanti kollha fuq il-fajl. **F'konformità mar-rwol tiegħu, il-Parlament Ewropew għandu jimmonitorja l-proċess ta' abbozzar tar-rapport. Fuq talba tal-Parlament Ewropew jew fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni, meta jkunu nbidlu ċ-ċirkustanzi f'pajjiż jew settur speċifiku, il-Kummissjoni għandha taġġorna r-rapport. F'kull każ, il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq rieżami tar-rapport kull sentejn.**

Or. en

Emenda 6.

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 2016/1036

Artikolu 2 – paragrafu 6a – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

L-industrija tal-Unjoni tista' tibbaża fuq ir-rapport imsemmi fil-punt (c) għall-kalkolu tal-valur normali meta jiġi ppreżentat ilment skont l-Artikolu 5 jew talba għal rieżami skont l-Artiklu 11.

Emenda

L-industrija tal-Unjoni tista' tibbaża fuq ir-rapport imsemmi fil-punt (c) għall-kalkolu tal-valur normali meta jiġi ppreżentat ilment skont l-Artikolu 5 jew talba għal rieżami skont l-Artiklu 11. ***Meta l-konklużjonijiet tar-rapport juru l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, ir-rapport skont il-paragrafu 6(b) għandu jkun evidenza biżżejjed sabiex jiġġustifika l-kalkolu tal-valur normali skont il-metodoloġija msemmija fis-subparagrafu (a). Fi kwalunkwe każ, ma għandu jintalab l-ebda piż addizzjonali mingħand l-Industrija tal-Unjoni.***

In-nuqqas ta' rapport m'għandux iwaqqaf lill-Kummissjoni milli tuża kwalunkwe informazzjoni jew data disponibbli biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u tuża l-metodoloġija msemmija fis-subparagrafu (a) jekk jiġu sodisfatti r-rekwiżiti rilevanti.

Or. en

Emenda 7.

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 2016/1036

Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. "Fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiżi li, fid-data tal-bidu, mhumiex membri tad-WTO u elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755, il-valur normali għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi

Emenda

7. "Fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiżi li, fid-data tal-bidu, mhumiex membri tad-WTO u elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755, il-valur normali għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi

tal-prezz jew valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, jew il-prezz minn tali pajjiż terz għal pajjiżi oħrajn, inkluża l-Unjoni, jew fejn dawn mhumiex possibbli, fuq kull bażi raġonevoli oħra, inkluż il-prezz imħallas realment jew pagabbli fl-Unjoni għall-prodott simili, aġġustat kif xieraq jekk neċessarju biex jinkludi marġni tal-profitt raġonevoli.

Pajjiż **terz b'ekonomija tas-suq** xieraq jiġi magħżul b'mod raġonevoli, filwaqt li titqies kull informazzjoni kredibbli disponibbli fiż-żmien tal-għażla. Għandhom jitqiesu wkoll l-limiti taż-żmien; fejn xieraq, jintuża pajjiż **terz b'ekonomija tas-suq** li huwa suġġett għall-istess investigazzjoni.

Il-partijiet għall-investigazzjoni jiġu infurmati **fiit** wara l-bidu tagħha dwar il-pajjiż **terz b'ekonomija tas-suq** previst u jingħataw għaxart (10) ijiem biex jikkummentaw."

tal-prezz jew valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, jew il-prezz minn tali pajjiż terz għal pajjiżi oħrajn, inkluża l-Unjoni, jew fejn dawn mhumiex possibbli, fuq kull bażi raġonevoli oħra, inkluż il-prezz imħallas realment jew pagabbli fl-Unjoni għall-prodott simili, aġġustat kif xieraq jekk neċessarju biex jinkludi marġni tal-profitt raġonevoli.

Pajjiż **rappreżentant** xieraq jiġi magħżul b'mod raġonevoli, filwaqt li titqies kull informazzjoni kredibbli disponibbli fiż-żmien tal-għażla. Għandhom jitqiesu wkoll l-limiti taż-żmien; fejn xieraq, jintuża pajjiż **rappreżentant xieraq** li huwa suġġett għall-istess investigazzjoni.

Il-partijiet għall-investigazzjoni jiġu infurmati **minnufih** wara l-bidu tagħha dwar il-pajjiż **rappreżentant xieraq** previst u jingħataw għaxart (10) ijiem biex jikkummentaw."

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kuntest ġuridiku:

1. Il-proposta ġiet imqanqla mill-iskadenza riċenti ta' Paragrafu 15(a)(ii) tal-Protokoll ta' Adeżjoni mad-WTO. Dan il-paragrafu tal-protokoll tal-adeżjoni ppermetta lill-Membri tad-WTO jittrattaw liċ-Ċina bħala Pajjiż b'Ekonomija Mhux tas-Suq u, b'konsegwenza ta' dan, jikkalkulaw id-dazji antidumping billi japplikaw metodoloġija alternattiva minflok il-metodoloġija standard.

Riżultat tal-iskadenza ta' dan il-paragrafu, fit-12 ta' Diċembru 2016, iċ-Ċina talbet li jsiru konsultazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-UE rigward id-determinazzjoni tal-valur normali għal pajjiżi "b'ekonomija mhux tas-suq" fi proċedimenti antidumping li jirrigwardaw importazzjonijiet miċ-Ċina.

Iċ-Ċina ddikkjarat li l-miżuri jidhru li huma inkonsistenti ma':

- l-Artikoli 2.1 u 2.2 tal-Ftehim Antidumping;
- l-Artikoli I:1 u VI:1 tal-GATT 1994.

Fit-23 ta' Jannar 2017 saru konsultazzjonijiet bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku. Filwaqt li dawn il-konsultazzjonijiet għenu biex jiġu kkjarifikati xi kwistjonijiet, il-partijiet naqsu milli jintervjenu sabiex isolvu t-tilwim.

Għaldaqstant, fid-9 ta' Marzu, iċ-Ċina talbet li jiġi stabbilit bord biex jeżamina l-kwistjoni marbuta mal-Artikoli msemmija hawn fuq.

Jekk naċċettaw u naqsmu l-argumenti ġuridiċi li fuqhom il-Kummissjoni Ewropea waqqfet il-proposta l-ġdida, irridu nikkunsidraw fejn it-test tal-proposta l-ġdida jinkludi l-elementi kollha b'mod li tippermetti b'mod ċar li jintlaħqu żewġ objettivi ewlenin:

a) li jkun hemm metodoloġija li tagħmel il-kalkolu tad-dumping inqas diffiċli biex jiġi stabbilit u l-istrument kollu kemm hu aktar effettiv,

b) li ma jinħolqux piżijiet addizzjonali għall-industrija tal-UE.

F'dan ir-rigward għandna nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna u wisq probabbli l-emendi tagħna fuq iż-żewġ kwistjonijiet ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni: it-tifsira ta' distorsjonijiet sinifikanti u l-kriterji tagħha kif ukoll in-natura u l-kontenut tar-rapport tal-Kummissjoni.

1. It-tifsira ta' DISTORSJONIJIET SINIFIKANTI u L-KRITERJI tagħha:

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi l-espressjoni ta' "Distorsjonijiet Sinifikanti" meta tirreferi għal dawk iċ-ċirkostanzi li fihom il-prezzijiet u l-ispejjeż domestiċi ma jipprovdux bażi raġonevoli biex jiġi determinat il-valur normali.

Skont il-paragrafu ġdid 6a(a) fl-Artikolu 2 fejn il-Kummissjoni tiddikjara li

"minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, il-valur normali għandu jiġi maħdum fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni"

u skont il-paragrafu ġdid 6a(b) fl-Artikolu 2 fejn il-Kummissjoni tiddikjara li

"Distorsjonijiet sinifikanti għall-prodott ikkonċernat skont il-punt (a) jistgħu jitqiesu li jeżistu, inter alia, meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles...."

huwa kruċjali li wieħed jifhem jekk il-kunċett u d-definizzjoni ta' "distorsjonijiet sinifikanti" humiex ċari biżżejjed u legalment sodi biex jiġġustifikaw l-użu ta' metodoloġija alternattiva jew jekk għandhiex tkun determinata aħjar.

Jekk irridu nqisu l-eżistenza ta' "Distorsjonijiet Sinifikanti" bħala kundizzjoni sabiex tiddetermina l-applikazzjoni tal-metodoloġija l-ġdida, din l-eżistenza trid tiġi speċifikata b'mod xieraq sabiex ikun hemm metodu univokali sabiex konsegwentement tiġi applikata l-Metodoloġija l-Ġdida.

Matul il-laqgħa ta' informazzjoni teknika li saret fit-28 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni ċċarat li d-distorsjonijiet jistgħu jikkonċernaw fatturi ta' produzzjoni bħall-materja prima, il-kost lavorattiv, il-kost tal-enerġija u oħrajn.

L-eżistenza ta' anomaliji fid-determinazzjoni ta' dawn il-kostijiet ta' produzzjoni se twassal lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li hemm distorsjonijiet sinifikanti u tiddetermina kalkolu ta' dumping fuq il-bażi tal-valur normali li għandu jitfassal bl-użu ta' kostijiet mingħajr distorsjoni fpajjiż rappreżentattiv xieraq jew punti ta' riferiment internazzjonali.

Għalkemm il-valur ta' dawn l-ispejjeż huwa stabbilit fil-pajjiż terz xieraq, il-Kummissjoni se tivverifika l-istruttura tal-ispejjeż kollha ta' produzzjoni fil-pajjiż fejn jeżistu distorsjonijiet sinifikanti sabiex tevalwa b'mod xieraq it-taħlita tal-elementi differenti ta' dawn l-ispejjeż.

Għandu jkun ċar li fl-aħħar mill-aħħar m'aħniex qed nibnu mill-ġdid is-sistema abbażi ta' operazzjoni ta' aġġustament tal-ispejjeż iżda fuq id-determinazzjoni effettiva ta' dawn l-ispejjeż meta ma jkunux imfexkla. Kull komponent tal-ispejjeż tal-produzzjoni huwa mibni mill-ġdid b'tali mod sakemm il-partijiet interessati u, b'mod partikolari l-esportaturi, ikunu jistgħu juru li tali komponent f'settur speċifiku ma jkunx imfexkel.

Huwa importanti li wieħed jissottolinja li fil-fatt il-Parlament Ewropew għandu jemenda l-proposta b'tali mod li tingħata s-setgħa lit-tifsira ta' distorsjonijiet sinifikanti sabiex jiċċara t-tifsira ta' distorsjonijiet sinifikanti.

Il-fatt li jiġi segwit dan l-approċċ jista' jirrappreżenta soluzzjoni raġonevoli li tipprovdi alternattiva għas-sistema attwali.

B'dan il-mod jista' jkun utli li ssir analiżi komparattiva mar-Regolament Antidumping tal-Istati Uniti li huwa bbażat fuq it-"Tarif Act of 1930" u li fih referenza espliċita għas-sitt kriterji użati mill-awtorità amministrattiva sabiex jiġi determinat jekk pajjiż barrani jistax jitqies li għandu ekonomija tas-suq.

Il-paragun bejn iż-żewġ sistemi huwa meħtieġ ukoll sabiex ikun ċar għaliex ir-Regolament 1036/2016 wassal lill-UE għal inċertezza legali wara l-iskadenza ta' parti 15a(ii) tal-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO.

2. Ir-rapport:

Il-proposta tippredvi li "meta jkun xieraq, is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu joħorġu rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni speċifika dwar il-kriterji elenkati fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew ċertu settur".

Din id-dispożizzjoni għandha titqies bħala ġenerali wisq biex nifhmu sew kif jista' jaħdem il-mekkaniżmu l-ġdid.

Barra minn hekk, l-użu tal-kelma JISTGĦU toħloq ħafna tħassib jekk irridu nikkunsidraw ir-rapport bħala l-qalba tal-proposta, jiġifieri l-prova li tista' ġġib l-Industrija tal-UE dwar il-fajl ta' kwalunkwe investigazzjoni relatata ma' dak il-pajjiż jew is-settur.

Barra minn dan, il-proposta ma tagħti l-ebda informazzjoni dwar l-iskeda ta' żmien tal-adozzjoni tagħha u kif regolament ir-rapport se jiġi aġġornat sabiex jirrifletti l-iżviluppi potenzjali (pożittivi jew negattivi) f'setturi jew pajjiżi speċifiċi.

Ir-rwol tal-Parlament Ewropew fil-proċedura sħiħa għandu jiġi ċċarat flimkien mal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati tal-UE fit-tnejn tar-rapport.

Konklużjoni: ta' min jikkunsidra jekk il-Parlament Ewropew għandux isaħħaħ dan il-punt sabiex ikun hemm aktar ċarezza dwar ir-rapport, b'mod partikolari fil-mument tal-adozzjoni tiegħu, tal-aġġornament tiegħu kif ukoll l-istruttura u d-dettalji tiegħu.

Kwistjonijiet oħra

Inqis li l-elementi l-oħra tal-proposti tal-Kummissjoni, mill-Artikolu 1(2) - pajjiżi mhux Membri tad-WTO - sa l-Artikolu 1(5) kif ukoll l-Artikoli 2, 3 u 4, huma ċari biżżejjed.

Huma jaqblu mat-tħassib u l-interessi tal-industrija tal-UE f'każijiet ta' rieżamijiet u investigazzjonijiet addizzjonali għal sussidji u għalhekk m'hemm l-ebda hteġa għal bidliet sostanzjali f'dawn il-partijiet tat-test.